MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 362/2011

**W Q**
**vs**
**B Q**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

Illi nhar it-28 ta’ Settembru, 2012 gie iccelebrat iz-zwieg bejn il-kontendenti fil-knisja parrokkjali ta’ Santa Maria ta’ Gesu’, Rabat, Malta;

Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom tifla wahda li jisimha Nicole li twieldet nhar il-15 ta' Ottubru, 2003 u li issa ghandha tmien snin (8) u dan kif jidher mill-anness certifikat tat-twelid mmarkat Dok 8;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal madwar tliet (3) snin u lanqas biss jghixu fl-istess dar.

Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-esponenti inkiseb bi vjolenza fizika jew morali, jew gie indott b'biza' kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) li gie ccelebrat fil-knisja parrokjali ta' Santa Maria ta' Gesu, Rabat, Malta huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti tal-attrici.

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk waqa’ kontumaci.

Rat l-atti kollha;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2012 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici.

Ikkonsidrat;

**PROVI.**

L-attrici tat ix-xhieda taghha permezz ta' affidavit (fol. 16 et. Seq.). Hija spjegat li kienet iltaqet mal-konvenut meta kellha biss tlettax-il sena u l-konvenut kellu hamsa u ghoxrien sena u dan fi grupp li kienu jiffrekwentaw u fi zmien sena bdew johorgu flimkien. Peress li kien hemm tnax-il sena differenza bejniethom il-genituri tal-attrici urewha li ma kienux jaqblu ma' dan. Dwar l-imgieba tieghu fi zmien l-gherusija l-attrici tispjega hekk:

“Ma kien jahmel lil hadd ghaliex tghidx kemm kien jghidli kontrijhom wkoll. Dejjem irid joghqod wahdu. Dejjem jara lin-nies qieghdin hemm biex iwahhlulek. Ma kien iqis lil hadd bhala habib izda lill kulhadd bhala ghadu. Anke l-membri tal-familja tieghu ma kienx jafdahom. Kien jghid kontrihom u il-mod kif kien jitkellem fuqhom kien jinfluwenzani li nemmen u nahseb bhalu. Kien jghid hafna fuq il-membri tal-familja tieghi. Kien jghid illi huma nies "I don't care" u mahmugin. Qatt ma riedni nistudja ghal tul taz-zmien biex infittxu nizzewgu. Jiena mhux ghax ma ridtx nizzewweg imma tant kemm kien gravi l-indhil u l-influwenza tieghu illi niftakar li meta spiccajt is-sekondarja u gejt biex naghzel jekk ghandix immur "junior college" u l-universita jew niehu xi triq jew kors iehor, huwa influwenzani biex niehu l-ehfef triq u ghalhekk kont hadt kors ta' "pre-school teacher certificate course" li jdum biss sentejn. Allura nghid illi meta spiccajt skola sekondarja u ridt u stajt nistudja aktar, B beda jinfluwenzani biew naghzel karriera li ma kienx hemm bzonn tistudja ghal tul ta' zmien. Ta' immatura li kont bdejt nigi "brain washed" u bdejt nahsibha l-istess li infittex nlesti l-istudju biex nizzewgu.”

Meta kienu ilhom madwar tlett snin gharajjes l-attrici ippruvat thassar l-gherusija izda il-weghdi tal-konvenut li ser jinbidel u l-fatt li sadanittant hija kienet qaghtet minn hajjietha l-hbieb kollha taghha kienu fatturi li wasluha sabiex terga tkompli r-relazzjoni taghha mal-konvenut.

Huma zzewgu meta l-attrici kellha wiehed u ghoxrien sena u ma marrux honeymoon ghaliex il-konvenut ma riedx jonfoq. Hija tispjega kif sew matul l-gherusija u sew matul iz-zwieg huma qatt ma siefru flimkien ghaliex il-konvenut qatt ma ried lanqas li jmorru sa Ghawdex flimkien.

L-agir dominanti tal-konvenut kien rifless anke waqt il-preparamenti tat-tieg taghhom fejn sar biss dak li ried hu irrispettivament jekk l-attrici kenitx taqbel jew le. Fi kliem l-attrici "ma kienx hemm ghazla". Isir kollox kif irid il-konvenut minghajr diskussjoni.

Il-komunikazzjoni bejniethom kienet minima ghall-ahhar b'hajjithom imfassla fuq rutina li kien fassal il-konvenut wahdu.

"Kien dejjem jghid hafna kliem dispreggjattiv fuq il-membri tal-familja tieghi imma qatt ma kont nghidlhom. Kont dejjem nghattilu u nidher kerha jien maghhom. Infatti ir-relazzjoni tieghi ma' ommi, missieri u ohti kienet naqset hafna. Ma kontx nghidilhom wisq bid-dwejjaq li kelli imma kienu ihossu li jien imdejqa. Kien bniedem dittatur u li jghid hu ghaliex inkella kien jirrebela. Kien irrid kollox kif irid hu fil-hin li irrid hu. Meta konna gharajjes konna hafna drabi nieklu ghand ommi. Kien igerger jekk jigi u ma jsibx l-ikel lest. Jien kont nghidlu japrezza li ommi ghada gejja mix-xoghol u jrid jistenna. Meta izzewigna hekk kien ukoll. Jekk jigi mix-xoghol u ma jsibniex id-dar u bl-ikel lest kien igerger hafna. Kien jordna hafna gibli hekk u gibli hekk. Qatt ma kien jghin fit-tindif u affarijiet tad-dar. Biex igib tazza biex jixrob kien jordna u qatt ma igib hu. Meta jigi mix-xoghol, jiekol u jara it-"television", kien jintefa' fuq is-sufan u jekk irid xi haga jordna lili bhala skjav tieghu. Jekk inkun qieghda nizbarazza f'xi kamra ohra jew naghmel xi facenda u ma ingiblux mill-ewwel kien jghid "dik il-furketta

gejja jew". Jekk ma kienx jidghi xi tnejn ukoll. Meta bdilna id-dar kelli nerfgha il-kaxex tlett sulari wahdi. Tghidx kemm qaltlu ommu biex jghin imma ta' xejn. Id-dominanzja u l-abbuz verbali ta' B kienu jqabbduni dwejjaq kbar imma jiena qatt ma rnexxieli nittrasmettilu dak li qieghda nhoss kif xtaqt ghaliex meta kont naffrontah bid-dwejjaq minhabba l-attitudni tieghu kien dejjem jirnexxilu jipperswadini li dak li qed inhoss huwa stupidu. Kien meta ghedtlu daqshekk u ikkonfrontajtu sa l-ahhar li urieni x'hinu verament ghaliex kien refa' idejh fuqi. Meta gara hekk irrejalizzajt li kieku jien waqaftlu qabel kien jasal f'dan l-estrem kull darba. Hu bniedem nervuz hafna u taqbizlu malajr allura kont dejjem noqod kwieta u niprova immewwet l-affari biex ma teskalax ghax kont nibza' li jasal. Meta kellna t-tifla kien jibza' hafna ghaliha imma b'mod estrem li lanqas kien irid immissha. Infatti zammha l-ewwel darba meta kellha xi xahar jew xahrejn. Meta kienet timrad kien jiggenen u dejjem jikkmandani biex ma naqlax ghajnejja min fuqa. Kien jghidlu "mohhok hemm mhux torqod ma jmurx jigrilha xi haga tkun rieqda". Imma hu qatt ma ried jiehu hsiebha. Kemm jordna lili. Qatt ma naf li ghamlet hin twil wahedha mieghu ghaliex kienet taqbizlu. Dejjem irid joqghod jara xi film u ma iqattax hin maghna u jekk it-tifla tmur hdejh kien jibda jghajjat biex nigi nehodha min hdejh. Kien jghidli "ejja hudha minn hdejja ha nispicca narah dal-film". Konna dejjem iridu naraw li irrid hu fuq it-TV waqt li hemm hu. Lit-tifla qatt ma kien jiehu hsiebha wahdu. Dejjem ommu jew ommi. Ahna domna flimkien fdin is-sitwazzjoni ghal madwar seba' snin jigifieri min-nhar it-28 ta' Settembru, 2002 meta izzewwigna sas-sena 2009 meta ma bqajniex noqghodu flimkien ghaliex ma flahtx aktar nghix ma' tali persuna. Nghid li jien qatt ma rajt imhabba minghand dan il-bniedem. Qatt ma ghoddni bhala martu - lanqas jaf xigifieri tkun mizzewweg u tkun thobb lill xi hadd. Nghid li r-ragel lanqas jaf xi jfisser tkun mizzewweg, lanqas jaf xinhuma l-obliggi li ggib maghha l-hajja mizzewga, mhux talli ma kienx iffittixni bhala martu, izda lanqas riedni bhala martu. Meta izzewigtu lanqas naf xkien ghaddej min mohhi u ghaliex izzewigt. Kelli nizzewgu biex indunajt bl-izballli ghamilt meta zzewigt lil dan ir-ragel. Kien wara biss li ndunajt li kont ghamilt zball li zzewigt lil dan ir-ragel,

zball li swieni sew ghax mhux talli l-kunsens tieghi inkiseb b'qerq, izda talli jekk qatt kelli idea li jaf xi darba nghixu ta mizzewgin - huwa qatt fis-snin li ppruvajt nipprova nghix ta' mizzewga, ma urieni li hu kien jaf xigifieri tkun mizzewweg lill xi hadd jew thobb lill xi hadd.”

L-attrici tati sintezi tar-ragunijiet li wasluha tipprocedi ghal kawza ta’ annullament taz-zwieg taghha mal-konvenut:

“Jiena izzewigt biex naqsam hajti ma xi hadd, biex nghix ta' mara mizzewga, jkolli familja flimkien mas-sieheb tieghi. Izda jien dawn l-affarijiet lanqas naf xinhuma. Ir-ragel li zzewwigt qatt ma fehem li meta tixxewweg ifisser li inti taqsam il-jien tieghek mas-sieheb tieghek. Bil-kontra huwa baqa jghix ta' izola wahdu, minghalih li jista jibqa jghix ta guvni u fl-istess hin ikollu lili seftura tieghu.”

Xhedu wkoll il-genituri tal-attrici illi kkonfermaw hafna mill-affermazzjonijiet tal-attrici specjalment f’dak li jirrigwarda l-agir tal-konvenut fil-konfront tal-attrici u fir-rigward tal-obbligi tal-mizzewgin.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

**L-Azzjoni Attrici.**

L-attrici fil-premessi taghha qed titlob li z-zwieg taghha minn mal-konvenut celebrat fit-28 ta’ Settembru 2002 jigi dikjarat null ghaliex skond l-atttrici:

i) Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;
ii) Illi l-kunsens tal-esponenti inkiseb bi vjolenza fizika jew morali, jew gie indott b'biza' kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

iii) Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew

aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

iv) Illi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

**KUNSENS VIZJAT B'DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU.**

L-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Dan l-artikolu ghandu l-gheruq tieghu fil-Ligi Kanonika. Canone 1095 tal-Kodici Kanoniku tal-1983 jipprovdi illi "The following are incapable of contracting marriage: i) those who lacek the sufficient use of reason; ii) those who suffer from a grave defect of discretion of judgment concerning the essential matrimonial rights and duties mututally to be handed over and accepted"; iii) those who are not able to assume the essential obligations of marriage for causes of psychic nature".

Mill-premessi u mis-sottomissjonijiet maghmula mill-attrici wiehed jifhem illi l-attrici qed tallega li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat ghar-ragunijiet fuq imsemmija..

Ghalhekk biex l-attrici tirnexxi ab bazi ta' din il-premessa trid qabel xejn tipprova li:

1. Il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mezzewga; u/jew
2. Il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikologia serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Jinghad mill-ewwel illi ma ngabu l-ebda provi li l-konvenut fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg tal-partijiet kien ibaghti minn  anomalija psikologika serja u ghalhekk din it-tieni parti tal-premessa in dizamina ma tirrizultax ippruvata.

Fir-rigward tal-ewwel parti tal-premessa ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap.255 biex tirnexxi l-azzjoni attrici jehtieg qabel xejn tipprova li:

i) Il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat
ii) B’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju
iii) Fuq il-hajja mizzewga, jew
iv) Fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga.

Minhabba li kif diga inghad l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 ghandu l-gheruq tieghu fil-Kodici Kanoniku spiss fil-gursprudenza nostrana rigwardanti kawzi dwar annullament taz-zwieg issir referenza ghall-gurisprudenza u awturi dwar id-dritt kanoniku rilevanti.  Diskrezzjoni ta’ gudizzju hija spiss riferuta fil-gurisprudenza bhala “disretio judicii”.

Gie diversi drabi ritenut li d-decizzjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta’ xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta.  Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob id-dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg civili taghha mal-konvenut.   Ghalhekk huwa imperativ li dwar x’inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta’ koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.   Fl-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Proprju fl-ewwel artikoli ta’ dan il-Kodici, intitolat “**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin**” jinghad hekk:

“2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita’ tal-familja.

(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma’ xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

3. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi lu l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja”

Ghalkemm mhux necessarjament li l-obbligi u d-drittijiet tal-mizzewgin fis-sagrament taz-zwieg taht il-Kodici Kanoniku huma identitci ghall-obbligi u d-drittijiet tal-mizzewgin kif kontemplat fil-Ligi Civili, huma xorta rilevanti xogholijiet u gurisprudenza dwar il-Kodici Kanoniku dwar dak li ghandu x’jaqsam mad-definizzjoni ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju u vizzju ta’ kunsens.

Fix-xoghol tieghu “**The Nullity of Marriage for reason of insanity or lack of due discretion of judgment” Egan EM (1983)** jispjega illi d-diskrezzjoni ta’ gudizzju fir-rigward tal-kunsens ghaz-zwieg trid tkun proporzjonali ghaz-zwieg innifsu. **Gramunt u Wauck** fix-xoghol taghhom “**Moral certitude and the collaboration for the court expert in cases of consensual incapacity” (1986)** jispjegaw dwar id-diskrezzjoni ta’ gudizzju “It requires more than what is necessary to take out a mortgage or enter into a business contract, enlist in military service, or be fit to stand trial, but not more than adults ordinarily possess”.

**John L Young** fl-istudju tieghu intitolat “**Understanding Due Discretion of Judgment in Catholic Marriage Courts (1991)** ” ippubblikat fil-Journal of the American Academy of Psychiatry and the Law (Bull Am Acad Psychiatry Law, Vol. 19, No.2, 1991 jispjega illi “discretion of judgment…. Presumes having and duly exercising an ability to look well beyond the present moment in order to

make a serious and lifelong pledge. This capacity is present in proportion to the individual's ability to weigh and choose prudently, to accept good advice, to reason clearly, to learn from experience, to formulate sensible goals, and to display qualities of foresight, insight, circumspection, deliberation and appreciation."

Young jispjega x'ghandu jkun l-ezercizzju tal-gudikant fl-analizi tad-diskrezzjoni ta' gudizzju ta' koppja li tersaq ghaz-zwieg:

"One can look for demonstration of an ability to appreciate and respect the partner as a person. One can ask how the parties intended to work out the various decisions about their relationship. This might include such issues as the values they did and did not expect to share, and whether they disclosed their vulnerabilities and their feelings about relationships outside their marriage. Where the parties ready to give and to accept exclusive possession of their bodies, and to cast their material fortunes together for life? …"

Din id-dottrina hija riflessa fis-sentenza **"Parties Atkins Charles vs. Atkins Matilde"** moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003. Jinghad hekk:-

"Il-kuncett ta' *discretio judicii* ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi."

Fil-kawza "**Melanie Borg Cachia vs. Joseph Borg**" deciza fid-29 ta' Mejju 2004 spjegat li d-difett fid-diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali

taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga. (Ara wkoll: **WT vs. KR** deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-28 ta' Gunju 2012; **John Micallef Engerer vs. Corinne Camilleri** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 2002).

Ikkonsidrat;

Rilevanti jigi ossservat illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet fil-kawza odjerna bdiet meta l-attrici kien ghad ghanda biss tlettax-il sena filwaqt li l-konvenut kellu diga hamsa u ghoxrien sena, differenza fl-eta ta' tnax-il sena. Minn ezami tax-xhieda tal-attrici u tax-xhieda minnha prodotta jirrizulta ampjament illi il-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Certament illi l-mod kif il-konvenut kien jitratta lill-attrici sew qabel kif ukoll wara t-tieg taghhom huwa prova ta' b'liema mod il-konvenut kien ihares lejn iz-zwieg. Ghalih li tumilja biex tirrenja donnu kienet ir-regola tal-gurnata.

Ghalkemm l-attrici tghid li hija ittamat li maz-zwieg il-konvenut ser jinbidel dan ma sehhx. Ir-rispett li l-attrici kienet turi fil-konfront tal-konvenut ma kienx reciprokat, la qabel u lanqas wara z-zwieg u dan juri li effettivament fil-mument tal-ghoti tal-kunsens il-konvenut ma kellu l-ebda hsieb li jitratta lill-martu bhala siehba indaqs mieghu fit-twaqqif ta' familja gdida. L-agir tieghu u l-komportament tal-konvenut sew qabel kif ukoll wara z-zwieg tal-partijiet huwa sintomatiku ta' wiehed li fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg ma kienx idoneu ghaz-zwieg.

In vista tal-fatt li l-Qorti sabet ragunijiet bizzejjed biex tiddikjara z-zwieg tal-partijiet null ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg, mhux mehtieg li l-premessi l-ohra imressqa mill-attrici jigu trattati.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba attrici b'dan illi:

1. Tiddikjara z-zwieg civili ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Settembru 2002 huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna sabiex issir l-annotazzjoni relativa fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------